MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Rikors Numru. 141/2009

M. Demajo (Graphic Arts) Ltd.
vs
Pamson Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Pamson Limited ghar-revoka *contrario imperio* tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi tas-26 ta' Jannar 2009 ghall-hlas ta' €24,688.38.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata a fol 9 sa 12 u d-dokumenti annessi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi fil-kors tas-smigh irrizulta li l-kambjali li giet esebita fotokopja taghhom minn Pamson Limited fil-fatt ghadhom jezistu fl-original ghand id-ditta M. Demajo (Graphic Arts) Limited. Inoltre c-cekkijiet li taghhom giet esebita fotokopja kollha ghandhom data antecedenti ghad-data ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Novembru 2005 (fol 5 tal-process). Illi mill-assjem tal-provi ma jidhirx li huwa gustifikat li f'dan l-istadju l-Qorti tordna r-revoka tal-mandat.

**D. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi tichad it-talba ghar-revoka.

Spejjez kontra Pamson Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------